Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 262/2014

Il-Pulizja

Spettur Paul Bond

Vs

Etienne Fenech

Illum 30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Etienne Fenech, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 241968M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-4 ta' Settembru, 2010 ghall-habta ta' bejn is-06:00pm u s-07.00pm, waqt li kien fi Triq ix-Xtut, San Pawl il-Bahar, attakka lil Mario Vella u wara li tah diversi daqqiet b'katina fuq il-persuna tieghu ikkagunalu offizi ta' natura gravi f'idu x-xellugija u dan skond kif iccertifika t-tabib Dr. Satya Brata Das M.D. (Reg. No. 2141) tal-Isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess data, hin u lok, kiser il-paci pubblika bl-ghajjat, glied jew b'kull mod iehor.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti sabet htija ghax qieset li dawn jirrizultaw fil-

konfront tar-reati 214, 215, 218(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Hadet in kosiderazzjoni wkoll li Etienne Fenech sal-grad tal-probabbli setgha kien qed jiddefendi lil hatnu pero' kif qalet ecceda l-limitu ta' dan, allura tapplika wkoll fil-konfront tieghu l-artikolu 233(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-kontravenjzoni addebitata cioe' ksur ta' bon ordni u paci pubblika, tqis din pruvata ghax l-istess Fenech ammetta ghal ghajjat u kliem hazin fil-pubbliku - allura tqisu hati wkoll ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, qieset li ma giet esebita ebda fedina penali, rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta u kkundannatu bl-applikazzjoni tal-artikolu 233(1)(a) tal-Kapitolu 9 ghal-piena karcerarja sospiza ta' sitt xhur sospiza ghal sena wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fehmet lill-imputat l-obbligazzjonijiet tieghu ai termini tal-imsemmi Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Etienne Fenech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Gunju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti:

1. Tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn l-imputazzjonijiet li fuqhom instab hati;
2. Jew inkella tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti li nsabtet htija pero' tbiddel dik il-parti fejn imponiet il-piena u minflok taghti piena aktar miti u idonea fic-crikostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Etienne Fenech huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati kkoncediet li fejn gara l-ligitgju li nqala bejn l-imputat u Vella huwa post intiz ghad-dghajjes u li Vella attakkaw u weggaw lil Antoine Spiteri. Tghid ukoll il-Qorti fis-sentenza taghha li mignhajr dubju Vella kienu avvicinaw lill-imputat appellant u li ma kienx pero' car min attakka l-ewwel lil min.

Illi bir-rispett kollu, dan l-incident sehh unikament minhabba l-agir u l-attitudni ta' Vella. L-appellant u wisq aktar Spiteri kienu ghall l-affari taghhhom u kienu Vella li avvicinawhom. Azi Spiteri lanqas kien barra dak il-hin meta Vella avvicinaw lill-appellant u hareg biss wara li semgha l-kommozzjoni li nqalghet. Illi ma jaghmilx sens li l-appellant jew Spiteri bdew il-glieda huma. Ma jaqghmilx sens aktar li meta Sptieri hareg mill-boat house teighu imbotta lill-Vella. Ma kienx hemm raguni ghalfejn dan kellu jaghmel hekk ghax skond Vella huma kienu qeighed ikellmu lill-appellant bil-'kelma t-tajba'.

Illi tant hu minnhu li d-diverbju kien kawza ta' Vella li lanqas biss marru jaghmlu rapport l-ghassa. Kien l-appellant stess li mar jitlob l-assistenza tal-pulizija u kien l-appelolant stess li talab lill-pulizija jinvestigaw il-griehi li kien sofra. Il-puliziaj imbghad iddecidet li tahsel idejha u tressaq lill-kulhadd il-Qorti;

Illi Antoine Spiteri xehed b'mod car li hu semgha lill-appelalnt jilletika ma Mario u Matthew Vella u dawn it-tenjn qabdu jaghtuh. Kif reasaq lejhom biex jara x'kien qed jigri huma qabdu jaghtu lilu wkoll. Lanqas biss tawh cans jitkellem u l-appellant prova jiddefendieh u f'mument minnhom beda jzomm lil Mario. Spiteri la kien qieghed jahsel id-daghjsa u lanqas kellu xejn x'jaqsam f'dan l-incident. Ghalhekk ix-xhieda tieghu kif korroborata ma dik tal-appellant turi bl-aktar mod car li dan il-kaz huwa kaz klassiku ta' legittima difeza.

Illi ghalhekk kienet zbaljata l-ewwel Qorti meta wasslet ghal konkluzjoni li Etienne Fenech l-appellant ma kellu l-ebda bzonn ta' self defence ghaliex il-litigju bejn Vella u hatnu kien wiehed verbali. Ix-xheida ta' Spiteri kienet cara; lanqas biss tawh cans jitkellem. Fil-fatt l-insejnament tal-Qorti tal-Appell kif kwota minn l-Ewwel Qorti jispjega b'mod car li *'wiehed jagixxi in legittima difeza biex jipprova jevita l-hsara li gara jew gejja fuqhu, umhux biex jirritalja ghal hsara li tkun diga' saret';*

Illi huwa car ghalhekk li l-Qorti tal-Magistrati ghamel interpretazzjoni kemm tal-fatti kif ukoll tal-ligi hazina meta waslet ghall-konkluzzjoni li dan il-kaz ma kienx wiehed ta' legittima difesa. L-appellant b'ebda mod ma mar jafronta lil Vella. Kienu Vella li marru fuqu u kienu Vella li aggredew lil-hatnu kif aggredew lilu. Ghax iddefendha

lilhu nnifsu jew lil hatnu ma ifissirx li hu stess mar jippartecipa fil-kofnront fiziku maghhom.

L-appellant jissottometti li dan il-kaz huwa kaz ta' legittima difesa u ghaldaqstant huwa kellu jigi meholus minn kull imputazzjoni; L-appellant ghandu wkoll disabbilita u kwazi huwa mpossibli li huwa jaghmel certu manuvri.

Illi minghajr pregudizzju ghal dan l-aggravju, l-appellant ihoss li l-piena inflitta fil-konfront tieghu kienet wahda harxa u mhux idonea tentut kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell intavolat mill-appellanti interament imsejjes fuq l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li kien hemm fl-atti kif ukoll imsejjes fuq interpretazzjoni zbaljata li fil-fehma tieghu ghamlet l-Ewwel Qorti dwar il-kuncett legali tal-legittima difeza. Prova ta' dan l-appellanti ressaq lit-tobba li immedikaw lill-parti leza Mario Vella, issa fi stadju ta' revizjoni, billi dawn ighidu fic-certifikat mediku rilaxxjat *a tempo vergine*, illi Vella kien qalilhom li huwa kien sofra il-griehi li kienu taht ezami minnhom minhabba li kien xejjer daqqa ta' ponn, prova li fil-fehma taghhom ma kenitx harrget quddiem l-Ewwel Qorti u li allura hija indikattiv tal-bzonn attwali minn naha tal-appellanti li jiddefendi lilu innifsu u lil haddiehor.

Ikkunsidrat,

Illi jibda biex jinghad illi gie mistqarr diversi drabi mill-qrati taghna, illi qorti ta' revizjoni qajla ghandha tqanqal l-apprezzament li ikun gie maghmul mill-Ewwel Qorti hlief meta jirrizultalha illi tali apprezament ikun wiehed erronji kemm fuq bazi legali kif ukoll fuq bazi fattwali u cioe' meta l-gudikant li f'idejh huwa rimess il-gudizzju ma setax la ragjonevolment u lanqas legalment jasal biex jaghmel tali apprezament. Illi huwa biss f'dawn ic-cirkostanzi illi din il-Qorti allura ghandha tiddisturba tali apprezzament. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"**

[12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Issa l-appellanti isejjes dina il-lanjanza dwar l-apprezzament zbaljat maghmul mill-Ewwel Qorti meta din giet biex tqies l-elementi intenzjonali ta' dan ir-reat, fuq premessi legali zbaljati. L-appellanti jishaq illi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jikkaguna ebda forma ta' hsara lill-parti leza, izda kien il-parti leza stess li ikkonfrontah u anke hebb ghal hatnu tant illi huwa hass il-bzonn li jiddefendi lilu innifsu u lil dan il-membru tal-familja tieghu. Kien minhabba f'din ir-raguni illi f'dan l-istadju ta' revizjoni l-appellanti ipproduca certifikat mediku li kien rilaxxjat fil-konfront tal-parti leza Mario Vella minn fejn jirrizulta illi dan Vella kien stqarr mat-tobba li ezaminawh illi huwa kien xejjer daqqa ta' ponn, liema verzjoni ghalhekk tikkonforta t-tezi tad-difiza li huwa kien aggrediehom u mhux *vice-versa*. Jishaq ghalhekk illi l-Ewwel Qorti erronjament ma laqghetx l-iskriminanti tal-legittima difeza u dan ghaliex kienu jikkonkorru l-elementi kollha ta' dritt li isawwru l-istess.

Issa l-Ewwel Qorti qieset sewwa dina d-difiza sollevata mill-appellanti b'esposizzjoni legali meqjusa tal-elementi ta' dritt li isawwru dina l-iskriminanti u sabet illi mill-atti probatorji l-appellanti seta' kellu bzonn jiddefendi lil hatnu mill-agressjoni subita mill-parti leza, izda imbaghad tikkonkludi illi l-imgieba tal-appellanti kienet issarraf fl-eccess ghal-legittima difiza u dan ghalkemm ma issir l-ebda referenza fid-decide ghall-applikazzjoni ta'l-artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghalkemm meta tigi biex tifliggi l-piena l-Ewwel Qorti tapplika d-dizposizzjonijiet ta'l-artikolu 233(1). Issa kif gie deciz:

***"Il-minoranti tal-eccess tal-legittima difiza tippostula ta'bilfors l-istat tal-legittima difiza...[2]"***

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008
[2] Il-Pulizija vs Maria Agius – 22/10/1960 App.Inf.

Illi allura l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti huwa illi tara fl-ewwel lok jekk jezistux ic-cirkostanzi li tahthom tista' tigi invokata l-legittima difiza, imbaghad jekk dan jirrizulta il-qorti trid tezamina jekk ir-reazzjoni ta'l-awtur kenitx wahda proporzjonata ghal minaccja subita. Huwa dan l-ezercizzju li fil-fatt ghamlet l-Ewwel Qorti meta stqarret illi ghalkemm fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-appellanti bl-imgieba tieghu wiegeb ghall-agressjoni subita madanakollu ir-reazzjoni tieghu bl-uzu ta' arma irregolari u cioe' katina kienet wahda sproporzjonata u esagerata billi l-parti leza u ibnu ma kellhomx la armi regolari u lanqas irregolari f'idejhom. Oltre dan kienu harrgu terzi minn boathouses fil-vicin biex jintervjenu u jaght l-assistenza taghhom.

Illi huwa indubitat illi l-appellanti li kien qieghed ghall-affari tieghu jahsel id-dghajsa gie rinfaccjat b'aggressjoni minn naha tal-parti leza u ibnu u dan minhabba raguni kemmxejn fiergha u cioe' ghaliex dawn ta'l-ahhar sabu oggezzjoni ghal fatt illi l-ilma mahmug li kien qed jiskula ghan-naha taghhom kien qed ixarrarb u ihammgilhom il-vetturi taghhom li kienu ipparkeggjati fil-vicinanzi. Illi minn hawn qam divverbju bejn l-appellanti u Vella u meta wasal fuq ix-xena Antoine Spiteri, haten l-appellanti, biex jara x'kien qed jigri, dan l-argument bil-kliem spicca f'wiehed bl-idejn tant illi Spiteri spicca qala daqqa ta' ponn f'wiccu minn ghand Vella. Hekk kif l-appellanti ra dina l-aggressjoni fizika qed isehh fil-konfront ta' hatnu huwa ireagixxa ghaliha, fil-fehma ta' din il-Qorti bhal ta'l-Ewwel Qorti qabilha, b'mod sproporzjonat billi kif qal hu stess sab katina u xejjirha fid-direzzjoni ta' Vella.

Spiteri stess ighid fix-xhieda tieghu illi meta hareg barra mill-boathouse tieghu ghax sema l-ghajjat u storbju l-appellenti u l-parti leza "kienu jillittikaw biss. Joffendu lil xulxin qeghdin ..." Mhux biss izda ikompli ighid hekk dwar id-dinamika ta'l-incident:

"Imbaghad bdew jaghtuni, heqq jiena bdejt nipprova niddefendi ruhi minn tnejn minn nies u imbaghad hin minnhom Etienne beda jzomm lil Mario u jien spiccajt jien u t-tifel tieghu Matthew niggieldu bejnietna. Wara ftit hareg certu wiehed Johnny li ghandu l-garage zewg bibien 'il fuq minn Mario u hareg iferraqna. X'hin waqqfet il-glieda u ferraqna rega gie Mario u tani daqqa fuq wicci hawn hekk b'idejh

ix-xellugija. .... Dak il-hin beda hiereg hafna demm u morna l-ghassa biex naghmlu rapport."

Illi allura l-appellanti ma ghandux ragun fl-aggravvju minnu intentat meta ighid illi l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-fatti u tal-ligi meta sabet illi l-kaz ma kienx wiehed ta' legittima difeza u dan ghaliex kif inghad "*l-eccess ta' legittima difeza dovut ghan-nuqqas ta' proporzjonalita' jippostula necessarjament l-estremi tal-legittima difeza b'dan pero' li wiehed ikun mar oltre dak li kien strettament mehtieg.*[3]" Ma hemmx dubbju illi l-appellanti hekk ghamel u l-Ewwel Qorti sabet illi kienu jikkonkorru l-elementi li isawwru dan l-eccess tal-bzonn minn naha tieghu li jiddefendi lilu innifsu u lil hatnu.

Illi allura ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma issib l-ebda bazi la legali u lanqas fattwali li jistghu igieghlu titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell interpost u tikkonferma s-sentenza appellata.

Edwina Grima

Imhallef

[3] Il-Pulizija vs Fortunato Sultana – App.Inf. 05/02/1998